**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Mejju, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 74/2023 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1613/2021 fl-ismijiet:

**Welcome Auto Dealer Ltd (C-64346)**

**vs**

**Matthew Grech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Matthew Grech, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet:

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1613/2021 fl-ismijiet premessi b'mod shih jew parzjali, u dan ai termini tal-artikoli 836(1)(c), u/jew (d) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet moghtija mill-artikolu 836(8)(a) u/jew (b) u/jew (d) tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, lis-socjetà sekwestranti sabiex thallas lis-sekwestrat il-penali sal-massimu mahsub mil-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat li Welcome Auto Dealer Limited ma ressqet ebda twegiba minkejja li giet notifikata skond kif ordnat minn din il-Qorti.

Lanqas ma deher ebda rapprezentant taghha fl-udjenza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2023 fejn il-Qorti rrevokat minnufih il-mandat Nru. 1613/2012 ghar-ragunijiet imfissra fl-istess talba. Il-Qorti dakinhar irrizervat li tipprovdi dwar it-tieni talba *in camera*.

Ikkunsidrat illi t-tieni talba ta' Matthew Grech hija ghall-imposizzjoni tal-penali mahsuba fl-Art. 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment a tenur tas-subincizi (a) u/jew (b) u/jew (d) tal-istess Artikolu 836(8) li jipprovdi testwalment:

*"(a) Jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum*

*qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-attkawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*

*...*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

L-imposizzjoni tal-penali hija fakoltattiva. Il-Qorti tista' tapplikaha kontra min ikun hareg il-mandat jekk tintwera lilha wahda mill-erba' cirkostanzi mahsuba. Huwa mizmum illi, sabiex tkun gustifikata l-penali, jkun bizzejjed jekk tirrizulta xi wahda mill-erba' cirkostanzi msemmija.

Fil-kaz in ezami, il-Qorti hija sodisfatta li c-cirkostanza mahsuba fis-sub-inciz (b) fuq citat hija pjenament sodisfatta. Welcome Auto Dealer Limited mhux talli ma ggustifikatx il-htiega ghall-mandat talli lanqas biss indenjat ruhha twiegeb ghar-rikors bit-talba tar-revoka. Fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti dan l-agir wahdu wkoll jiggustifka l-imposizzjoni tal-penali.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni talba kontenuta fir-rikors ta' Matthew Grech u timponi fuq Welcome Auto Dealer Limited penali fl-ammont ta' erbat elef Ewro (€4000).

l-ispejjez jithallsu kollha minn Welcome Auto Dealer Limited.

IMHALLEF